**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-17 ta' Jannar 2005**

**dwar l-użu armonizzat tal-faxxa tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz għall-użu limitat biż-żmien ta' tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-Komunità**

*(notifikata bid-dokument numru C(2005) 34)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/50/KE)

(ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 62)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/485/UE tad-29 ta' Lulju 2011 | L 198 | 71 | 30.7.2011 |
| ►M2 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2077 tal-10 ta' Novembru 2017 | L 295 | 75 | 14.11.2017 |

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-17 ta' Jannar 2005**

**dwar l-użu armonizzat tal-faxxa tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz għall-użu limitat biż-żmien ta' tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-Komunità**

*(notifikata bid-dokument numru C(2005) 34)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/50/KE)

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li tarmonizza l-kundizzjonijiet għad-disponibbilità u l-użu effiċjenti tal-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz tal-ispettru tar-radju għal tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "il-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz tal-ispettru tar-radju" tfisser il-faxxa ta' frekwenza bejn 21.625 u 26.625 GHz;

(2) "tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi" tfisser tagħmir bir-radar installat fil-vetturi tat-toroq li jintużaw għal applikazzjonijiet ta' mitigazzjoni ta' ħabtiet u ta' sikurezza tat-traffiku;

(3) "tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità" tfisser tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li kien diġà installat oriġinarjament jew li jissostitwixxi tagħmir li kien diġà installat oriġinarjament fil-vettura li se tiġi jew li ġiet irreġistrata, impoġġija fis-suq jew fis-servizz fil-Komunità;

(4) "fuq bażi bla interferenza u bla protezzjoni" tfisser li ma jistgħux jiġu kkawżati interferenzi dannużi lil utenti oħra tal-faxxa ta' frekwenza u ma tista' ssir l-ebda talba għall-protezzjoni minn interferenza dannuża li tkun ġejja minn sistemi jew servizzi oħra li joperaw f'dik il-faxxa ta' frekwenza;

▼M1

(5) "dati ta" referenza' tfisser it-30 ta' Ġunju 2013 għall-frekwenza ta' bejn 21,65 u 24,25 GHz u l-1 ta' Jannar 2018 għall-frekwenza ta' bejn 24,25 u 26,65 GHz;

▼B

(6) "Data ta' Tranżizzjoni" tfisser il-31 ta' Diċembru 2007;

(7) "vettura" tfisser kwalunkwe vettura kif definita bl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/37/KE;

(8) "impoġġi fis-suq" tfisser preżenti fiżikament u lest għall-bejgħ fil-Komunità;

(9) "inattivazzjoni" tfisser it-tmiem ta' emissjonijiet minn tagħmir bir-radar b'medda qasira għall-vetturi.

▼B

(10) "żona esklussiva" tfisser iż-żona ċirkulari madwar stazzjon tar-radjuastronomija definit b'raġġ ekwivalenti għal distanza speċifika mill-istazzjon, kif speċifikat fl-Anness 2.

*Artikolu 3*

Il-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz tal-ispettru tar-radju għandha tintgħażel u tkun disponibbli kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2005, fuq kundizzjoni bla interferenza u bla protezzjoni, għal tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità u jkun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-Artikolu 6.

Il-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz tal-ispettru tar-radju għandha tibqa' disponibbli ►**M1** sad-Dati ta' Referenza ◄.

Wara ►**M1** dawk id-dati ◄, il-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz m'għandhiex tibqa' disponibbli għal tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi installat fuq kwalunkwe vettura, ħlief fejn dak it-tagħmir ikun ġie installat oriġinarjament, jew ikun jissostitwixxi tagħmir diġà installat f'vettura reġistrata fil-Komunità li tkun tpoġġiet fis-servizz jew fis-suq qabel ►**M1** dawk id-dati ◄.

▼M1

Madankollu, id-data tal-1 ta' Jannar 2018 għandha tiġi estiża b'4 snin għat-tagħmir tar-radar b'medda qasira għall-vetturi li jkun immuntat fuq vetturi li għalihom tkun tressqet applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip skont l-Artikiolu 6(6) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u li jkunu kisbuha qabel l-1 ta' Jannar 2018.

▼B

*Artikolu 4*

Il-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz tal-ispettru tar-radju għandha tkun disponibbli għall-parti tal-medda ultra-wiesgħa tat-tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi b'densità ta' qawwa medja massima ta' –41,3 dBm/MHz qawwa iżotropika radjata effettiva (e.i.r.p.) u bl-ogħla densità ta' qawwa ta' 0 dBm/50MHz e.i.r.p.

Il-faxxa ta' frekwenza ta' 24.05-24.25 GHz tal-ispettru tar-radju ntgħażlet għall-modalità/komponent ta' emissjoni fi frekwenza dejqa, li jista' jikkonsisti minn trasportatur mhux modulat, b'qawwa ta' intensità massima ta' 20 dBm e.i.r.p.

L-emissjonijiet fil-limiti tal-faxxa ta' frekwenza ta' 23.6-24 GHz li jidhru fi 30° jew iktar 'il fuq mill-pjan orizzontali għandhom jitnaqqsu b'mill-inqas 25 dB għal tagħmir bir-radar ta' medda qasira li jitqiegħed fis-suq qabel l-2010, u b'mill-inqas 30 dB wara dik id-data.

([1]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

▼B

*Artikolu 5*

1. Il-kontinwazzjoni tad-disponibbiltà tal-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz għal applikazzjonijiet bir-radar ta' medda qasira għandha tkun is-suġġett ta' skrutinju dettaljat sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda interferenza dannuża lill-utenti l-oħrajn tal-medda, b'mod partikolari bil-verifika f'waqtha ta':

(a) in-numru totali ta' vetturi reġistrati, impoġġija fis-suq jew fis-servizz mgħammra b'radar ta' medda qasira għall-vetturi li juża l-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz f'kull Stat Membru, sabiex jiġi verifikat li dan in-numru ma jaqbiżx il-livell ta' 7 % tan-numru totali ta' vetturi fiċ-ċirkulazzjoni f'kull Stat Membru;

(b) jekk l-Istati Membri, jew il-fabbrikanti u l-importaturi, fornewx informazzjoni adegwata rigward in-numru ta' vetturi mgħammra b'radar ta' medda fil-frekwenza ta' 24 GHz sabiex jiġi sorveljat b'mod effettiv l-użu tal-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz minn tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi;

(c) jekk l-użu individwali jew kumulattiv tar-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-frekwenza ta' 24 GHz ikunx qed jikkawża, jew jistax jikkawża f'perjodu qasir, interferenza dannuża lil utenti oħrajn fil-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz jew fil-faxex li jmissu magħha f'mill-inqas Stat Membru wieħed, minkejja jekk il-limitu msemmi f'(a) intlaħaqx jew le;

(d) jekk ►**M1** id-Dati ta' Referenza ◄ għadhomx adegwati.

▼**M1**

_____

4. L-Istati Membri għandhom jassistu lill-Kummissjoni sabiex twettaq l-iskrutinju msemmi fil-paragrafu 1 billi jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa tingħabar u tiġi fornuta lill-Kummissjoni f'waqtha, b'mod partikolari l-informazzjoni stipulata fl-Anness.

▼B

*Artikolu 6*

1. It-tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li jkunu installati fil-vetturi għandhom jaħdmu biss meta l-vettura tkun fi stat ta' attività.

2. It-tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità għandu jiżgura l-protezzjoni tal-istazzjonijiet tar-radjuastronomija li joperaw fil-faxxa ta' frekwenza 23.6-24 GHz tal-ispettru tar-radju, u li huma elenkati fl-Anness 2 [definiti fl-Artikolu 7], permezz ta' inattivazzjoni awtomatika fiż-żona ta' esklużjoni definita jew permezz ta' teknoloġija oħra li tforni protezzjoni ekwivalenti lil dawk l-istazzjonijiet mingħajr l-intervent tas-sewwieq.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-inattivazzjoni manwali tiġi aċċetata għal tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità u li jaħdem fil-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz tal-ispettru tar-radju qabel id-Data ta' Tranżizzjoni.

▼B

*Artikolu 7*

Kull Stat Membru għandu jiddetermina l-istazzjonijiet tar-radjuastronomija nazzjonali rilevanti li joperaw fil-faxxa ta' frekwenza ta' 23.6-24 GHz tal-ispettru tar-radju li jridu jiġu protetti skont l-Artikolu 6(2) fit-territorju tiegħu kif ukoll il-karatteristiċi taż-żoni ta' esklużjoni ta' kull stazzjon. Din l-informazzjoni, appoġġjata b'ġustifikazzjoni xierqa, għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.]

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS*

**Informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi sorveljat l-użu tal-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz minn tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi**

Dan l-Anness jistabbilixxi d-*data* meħtieġa sabiex tiġi vverifikata r-rata ta' penetrazzjoni ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'tagħmir bir-radar ta' medda qasira f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 5. Din id-*data* għandha tintuża għall-kalkolu tal-proporzjon ta' vetturi mgħammra b'tagħmir bir-radar ta' medda qasira li juża l-frekwenza ta' 24 GHz meta mqabbel man-numru totali ta' vetturi li hemm fiċ-ċirkulazzjoni f'kull Stat Membru.

▼M2

Id-dejta li ġejja għandha tinġabar fuq talba mill-Kummissjoni:

▼B

(1) In-numru ta' vetturi mgħammra b'tagħmir bir-radar ta' medda qasira li juża l-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz, li jiġu manifatturati u/jew impoġġija fis-suq u/jew irreġistrati għall-ewwel darba matul is-sena ta' referenza fil-Komunità;

(2) In-numru ta' vetturi mgħammra b'tagħmir bir-radar ta' medda qasira li juża l-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz li jiġu impurtati minn barra l-Komunità matul is-sena ta' referenza;

(3) In-numru totali ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni matul is-sena ta' referenza.

Id-*data* kollha trid tkun akkumpanjata b'evalwazzjoni dwar l-inċertezza relatata mal-informazzjoni.

Barra d-*data* msemmija hawn fuq, kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tista' tgħin lill-Kummissjoni sabiex din iżżomm ħarsa ġenerali xierqa dwar l-użu kontinwat tal-faxxa ta' frekwenza ta' 24 GHz bit-tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi għandha tkun disponibbli f'waqtha, inkluża informazzjoni dwar:

— ix-xejriet kurrenti u futuri tas-suq, kemm fi u barra l-Komunità;

— il-bejgħ u t-twaħħil tat-tagħmir wara li tkun inxtrat il-vettura;

— l-istat tal-progress ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet alternattivi, b'mod partikolari tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi li jaħdem fil-faxxa ta' frekwenza ta' 79 GHz skont id-Deċiżjoni 2004/545/KE.